# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 11/2002GT(GM)

**Scicluna Household Goods & Cane Furniture (Gozo) Limited**

**vs**

**Joseph Mercieca**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici diversi oggetti ghar-restaurant minnu operat gewwa x-Xlendi, Ghawdex, kif jirrizulta mill-anness dok. A u B.**

**Illi ghadu dovut bilanc ta' mija u tlieta u disghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm193.28) fuq dawn l-oggetti.**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut qed jirrifjuta.**

**Illi ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas il-bilanc ta' mija u tlieta u disghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm193.28), l-imghax mid-data tal-ahhar konsenja cioe' 1 ta' Gunju 2001 sad-data ta' hlas relattiv u l-ispejjes ta' din il-procedura.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut ;**

**Ra n-nota tal-konvenut li permezz taghha ammetta t-talba tas-socjeta' attrici.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' mija u tlieta u disghin lira maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm193.28c), bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**